MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 686/2007

**Godwin Mallia u Mary maghrufa bhala Marlene mart Joseph Borg bhala sidien u kif ukoll bhala amministraturi tas-sehem ta' ohthom Suor Mary Ann Mallia**

**Vs**

**Anthony Briffa u martu Margaret maghrufa bhala Marquita Diacono sive Diacono Briffa personalment u ghan-nom tal-kumpanija M & A Holdings Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Settembru, 2007 fejn gie premess *(1)* Illi l-atturi huma l-propjetarji tal-hanut Numru 10B Bisazza Street, Sliema kif wkoll amministraturi tas-sehem ta' ohtha Sue Borg Mallia

kif jidher mill-kopji legali tas-Sekond Awla d-digireit Numru 275/2002 u 591/2004 (Dok X u Dok Y), *(2)* Illi l-konvenuti kem il-dabra ma hallsux il-kera meta kien ikun dovut u ghalhekk l-imghax legali ta’ 8% huwa dovut wkoll mid-data ta’ l-iskadenza sa meta jithallas, *(3)* Illi jista jizdied illi l-atturi kellhom diga sentenza kontra l-konvenuti ghal hlas ta’ imghax fuq kera ghall-perjodu precedenti (ara talba nurm 328/05RFA deciza fi 28 ta’ Novembru 2006 – kopja annessa) u gew imhallsin wara l-hrug tal-Mandati, *(4)* Illi cionostante il-konvenuti ma hallsux l-imghax dovut ghall-perjodu mit-3 ta’ Frar 2005 sat-3 ta’ Novembru 2006 billi hallsu l-iskadenzi ta’ dan il-perjodu tardiment kif jidher mid-Dok A hawn annett, liema imghax jammonta ghal LM229, Il-konvenuti ma hallsux wkoll l-ispejjez legali li kellhom jinkorru l-atturi ammontanti ghal-LM311.44, kwantu ghall LM223.44 mhallsa lill-avukati Griscti & Chetcuti u kwantu ghal LM88 imhallsa lill-avukat David Harding – kollox kif jirrizulta mill-imsemmi Dok A. L-ispejjez legali mhallsin lill-avukati Harding jikkonsistu f’ittra ufficjali tal-25 ta’ Novembru 2005, ittri legali tal-25 ta’ Settembru 2006, tal-31 ta’ Ottubru 2006 u tas-16 ta’ Frar 2007 (Dok 1,2, 3, u 4) kif wkoll tlett laqghat l-ufficcju tieghu ammontanti ghal Lm25 b’kollox LM88.

Ghaldaqstant, l-atturi jitolbu bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogghbu jikkundanna lil-konvenuti biex ihallsu *(a)* is-somma ta’ Lm229 imghax dovut skond id-dokument A fuq imsemmi u *(b)* is-somma ta’ LM311.44 spejjes legali imhallsin mill-atturi skond l-istess Dokument A, bl-ispejjes ta’din il-pendenza kif wkoll l-imghax legali dekorribbli skond notifika tal-prezenti avviz tat-talba. Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni. Bl-ispejjez tal-mandat kawtelatorju.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti tat-22 ta’ Ottubru 2007 fejn gie eccepit illi l-pretensjonijiet ta’ l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza l-ammont mitlub mhuwiex dovut salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u sema` x-xhieda kollha prodotti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attur **Godwin Mallia** kkonferma l-ammonti riklamati fl-Avviz kif ukoll l-ittri ufficjali mibghuta, u bl-affidavit tieghu (fol 40) ikkonferma dak dovut lill-atturi mis-socjeta` M&A Holdings Limited.

Illi l-konvenuta **Marquita Diacono** accettat u kkonfermat illi minhabba nuqqas ta’ fondi fil-kont taghha, cekk minnha mibghut ma giex msarraf. Mill-bqija hija kkonfermat illi sussegwentement baghtet il-hlas u kkontestat l-mod ta’ kif hija giet notifikata b’ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u fosthom l-kuntratt a fol 96 u l-klawsola 11 ta’ l-istess kuntratt.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi filwaqt illi d-dokumentazzjoni u l-provi kollha mressqa mill-atturi jippruvaw il-pretensjoni taghhom kif dedolta fl-Avviz, bix-xhieda taghha l-konvenuta mhux biss ma’ ppruvatx l-unika eccezzjoni taghha – izda addirittura taghti konfort lil dan it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi a favur l-atturi. Tidher din illi hija replika ta’ dak li gara fil-kawza 328/05 RFA.

Mhux biss ma gew b’ebda mod kontradetti l-provi mressqa mill-atturi, izda addirittura bix-xhieda taghha, l-konvenuta ammettiet it-tardivita` fil-hlas li kien minnha dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ra d-dokumenti kollha esebiti u sema` x-xhieda kollha prodotti, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti fil-kapacita` taghhom kif hawnhekk mharrka sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta’ elf, mitejn u disgha u hamsin Euro u tlett Euro centezmi

(€1259.03), gia hames mija u erbghin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm540.50).

Bl-ispejjes kif mitluba u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------